# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

**ĠUDIKATUR: DR PHYLLIS AQUILINA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa 30 ta' Novembru, 2016**

**Talba Nru: 670/2015PA**

**Argus Insurance Agencies Limited għan-nom u in rappreżentanza tas-socjeta' estera Argus Insurance Company (Europe) Limited u dina kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat tagħha Oliver Francis Scicluna,**
**u l-istess Oliver Francis Scicluna**
**vs**
**Road Maintenance Services Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-18 ta' Awissu 2015 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew li (1) nhar il-5 ta' Novembru 2014 seħħ inċident ġewwa Triq il-Qaliet, Marsascala, għall-ħabta ta' 12:00pm, illi bħala konsegwenza tiegħu l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni 'OLI 170' proprjeta' tal-attur Oliver Francis Scicluna soffriet ħsarat. Dan l-inċident seħħ bħala konsegwenza ta' nuqqas ta' senjaletika u/jew senjaletika mhux adegwata meta s-soċjeta' konvenuta ħaffret gandott fi Triq il-Qaliet, Marsascala, liema senjaletika kien messha tpoġġiet mill-istess soċjeta' konvenuta; (2) Illi b'hekk isegwi illi l-inċident *de quo* seħħ unikament bħala riżultat ta' negligenza, traskuragni, imperizja jew non-osservanza tar-regolamenti da parti tas-soċjeta' konvenuta; (3) Illi għalhekk is-soċjeta' konvenuta għandha tiġi kkundannata sabiex tħallas lill-atturi s-somma ta' tlett elef, mitejn, sebgħa u sittin Euro, wieħed u tletin ċentezmu (€3,267.31ċ), rappreżentanti in kwantu għas-somma ta' ħamsa u

ħamsin Euro (€55.00) l-*excess payment* illi l-attur Oliver Franccis Scicluna ħallas in konnessjoni ma' dan l-inċident, u in kwantu għas-somma ta' tlett elef, mitejn u tnax-il Euro, wieħed u tletin ċentezmu (€3,212.31ċ) id-danni kollha sofferti bħala riżultat ta' dan l-inċident illi għalihom għamlet tajjeb is-soċjeta' attriċi Argus Insurance Agencies Limited *noe* abbażi tal-polza ta' assikurazzjoni tat-tip *comprehensive*. Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali datata 12 ta' Jannar 2015 u bl-interessi legali mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra uffiċjali sad-data tal-ħlas effettiv, kontra s-soċjeta' konvenuta illi tibqa' minn issa ingunta għas-subizzjoni.

Ra t-traskrizzjonijiet tax-xhieda prodotti mill-partijiet, li nstemgħu mit-Tribunal, diversament presjedut.

Ra li fl-udjenza tat-30 ta' Ġunju 2016, id-difensuri tal-partijiet trattaw il-kawża quddiem it-Tribunal, diversament presjedut, u l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ra li t-Tribunal, diversament presjedut, ma laħaqx għadda għas-sentenza, u l-kawża ġiet differita għal dan l-iskop quddiem l-istess Tribunal, kif presjedut.

Ra li fuq talba tat-Tribunal, kif presjedut, id-difensuri tal-partijiet reġgħu trattaw il-kawża fl-udjenza tad-9 ta' Novembru 2016, liema trattazzjoni ġiet traskritta fl-atti tal-kawża.

Ikkunsidra illi:

Din il-kawża tirrigwardja ħsarat li l-attur Oliver Francis Scicluna jgħid li ġarrab fil-vettura tiegħu tat-tip BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni 'OLI 170', waqt li kien qed isuq fi Triq il-Qaliet, f'Marsaskala, fid-direzzjoni li mill-bajja ta' San Tumas tieħu għaċ-ċentru ta' Marsaskala, fil-parti fejn fuq in-naħa tax-xellug tas-sewwieq hemm il-vilel, filwaqt li fuq in-naħa tal-lemin tal-karreġġjata opposta hemm ġnien pubbliku.

Fix-xiehda tiegħu, l-**attur Oliver Francis Scicluna** iddikjara li bejn Ottubru 2014 u Novembru 2014 kien għaddej minn din it-triq, li f'din il-parti jgħid li hija telgħa milwija, u

f'ħin minnhom sema' ħoss fil-vettura tiegħu, deskritt minnu bħala *'boom boom'*, u kif sema' l-ħoss induna li kien għadu kemm għadda minn ġo gandott. L-attur Scicluna qal li immedjatament resaq mal-ġenb, ħareġ mill-karozza, u sema' t-*tyres* tal-karozza jsaffru. Qal li dak il-ħin ra gandott imħaffer għall-wisgħa kollu tat-triq, u ħaddiem li miegħu lmenta fuq li ma għamlux sinjal għall-gandott. Qal li mbagħad xegħel il-*hazard lights* u saq il-karozza bil-mod lejn il-garaxx ta' ommu li toqgħod viċin. Il-ħin kien nofsnhar. Kienet ġurnata b'temp ċar, u ma kinitx ix-xita.

In kontro-eżami, l-attur Scicluna qal li meta ġara dan, kien qed isuq il-vettura tiegħu b'veloċita' ta' 30 jew 35 kilometru fis-siegħa. Qal ukoll li, wara dak li ġara, u wara li kellem lir-raġel li kien lemaħ qabel l-inċident fuq il-post, huwa mar għand il-ġenituri tiegħu, u lil missieru wrieħ x'kien ġara, u mbagħad marru lura fuq il-post fejn kien ġarrab il-ħsara biex ħa r-ritratti.

Dwar il-ħsarat fil-vettura, l-attur Scicluna qal li kellu l-erba' *tyres* imċarrtin, erba' rimmijiet maqsuma u ħsara fil-*mudguard*. Qal li jiftakar li fetaħ *claim*, u tħallas mill-*insurance*, pero' ma jiftakarx jekk ħallasx l-*excess*.

Aktar tard, l-attur Scicluna ippreżenta affidavit bir-ritratti li ddikjara li ħa dakinhar tal-inċident, fil-post in kwistjoni (Dok. 'OFS1' u 'OFS2', fol.38-39) u *bank statement* li juri l-ħlas effettwat minnu għax-xiri tat-*tyres* mill-Ingilterra (Dok. 'OFS3', fol.40).

Xehed ukoll **PC 1071 Joseph Bajada**, prodott mill-atturi, li qal li għall-ħabta ta' 12:50pm, nhar il-5 ta' Novembru 2014, l-attur Oliver Francis Scicluna kien mar l-għassa ta' Marsaskala jirrapporta li kien għadda minn gandott fi Triq il-Qaliet, u għamel ħsara fir-roti tal-vettura tiegħu, għaliex ma kienx hemm sinjali li jindikaw li kienu qed isiru xogħlijiet. Ix-xhud iddikjara li fir-rapport kien irreġistra li ma setax jara l-ħsara li kellha l-vettura billi l-attur Scicluna qallu li l-vettura ma setax isuqha. Skond ix-xhud, ma saru ebda verifiki, la dwar il-vettura u l-ħsarat li kellha, u lanqas dwar il-gandott jew is-senjaletika, minnaħa tal-pulizija. L-okkorrezza reġistrata mix-xhud ġiet eżibita bħala Dok. 'PUL1' (fol.15 sa 16).

L-atturi ppreżentaw ukoll affidavit ta' ċertu **Simon Paris**, li dak iż-żmien[1] kien jokkupa l-kariga ta' *Claims Manager* mas-soċjeta' attriċi, li kkonferma bil-ġurament li s-soċjeta' attriċi kienet irċeviet *claim* mingħand l-attur Oliver Francis Scicluna, assikurat tagħha, u li hija kienet bagħtet lis-*surveyor* Walter Vella biex jispezzjona l-ħsarat fil-vettura assikurata. Għab-bażi tas-*survey* tiegħu, eżibit bħala Dok. 'SP1' (fol.20), is-soċjeta' attriċi kienet awtorizżżat ix-xogħol, u ħallset is-somma ta' €3,267.31ċ, kwantu għal €212.40ċ (Dok. 'SP2', fol.21-22) spejjeż ta' tiswija u kiri ta' vettura alternattiva, €302.47ċ prezz ta' akkwist ta' parts (Dok. 'SP3', fol.23) u l-bilanċ prezz tat-*tyres* (Dok. 'SP4', fol.24).

Is-*surveyor* inkarigat mis-soċjeta' attriċi **Walter Vella** ippreżenta *survey* li għamel hu fuq il-vettura tal-attur Scicluna (Dok. 'WVI', fol.32 u 33). Qal li t-*tyres* u r-rimmijiet ma kinux oriġinali. Ma setgħux jinstabu bħalhom f'Malta, u allura l-attur Scicluna tħallas biex xtrahom minn barra. Huwa kkonferma li r-riċevuti eżibiti jikkorrispondu għall-ħsarat identifikati minnu fuq il-vettura tal-attur. In kontro-eżami, Vella xehed li s-*survey report* għamlu fil-11 ta' Novembru 2014, ġewwa *Lourdes Service Station*, Ħaż-Żabbar, fejn il-karozza kienet iġġakkjata. Fi kliem ix-xhud, *'il-vettura kellha mpatt qawwi u dan għaliex il-mod kif inqasmu t-tyres u r-rimmijiet jiena minn dak li nikkonstata li kien hemm xi skoss u t-tyres għaddew minn fuqu. Bl-impatt qawwi li kien peress li l-mudguard huwa tal-plastik dan inqasam ukoll'* (fol.30). Huwa saħaq li *'skoss **qawwi**[2] jikkaġuna dawn id-danni'* (fol.30).

L-atturi ressqu wkoll b'xhieda tagħhom lil (i) **Gerald Portelli**, in rappreżentanza ta' *Muscat Motors Limited*, li kkonferma[3] li l-fattura eżibita f'fol.23 tal-proċess inħarġet mill-kumpanija imsemmija, u tirreferi għall-akkwist ta' *right wing* bil-prezz ta' €302.47ċ; (ii) **Aldo Muscat**, *panel beater* u *sprayer*, li kkonferma li r-riċevuti tax-xogħlijiet eżibiti f'fol.21 u 22 ħariġhom hu għal ħlas li rċieva ta' tiswijiet fuq *mudguard* ta' BMW, u li dawn ix-xogħlijiet ħadu jumejn li matulhom l-attur Scicluna ingħata karozza alternattiva[4]; u (iii) **Joseph Desira**, direttur tas-soċjeta' konvenuta *Road Maintenance Services Limited*, li kkonferma li t-trakkijiet

[1] Aktar tard, fid-29 ta' Marzu 2016, is-soċjeta' attriċi ppreżentat affidavit ta' Jonathan Anthony Schembri, *Claims Manager* tagħha, li ħa post ix-xhud Simon Paris, u li ddikjara li jinsab f'qagħda jwieġeb għall-mistoqsijiet in kontro-eżami, wara x-xiehda moghtija mill-istess Paris, fol. 35
[2] Enfasi tat-Tribunal
[3] Fol. 48
[4] Fol. 49

li jidhru fir-ritratti eżibiti f'fol.39 tal-proċess jappartjenu lis-soċjeta' konvenuta. Ikkonferma wkoll li s-soċjeta' konvenuta għamlet ix-xogħlijiet li jidhru fl-istess ritratti, għalkemm ma kienx f'qagħda jindika d-data meta saru dawk ix-xogħlijiet.[5] Wara li ta x-xiehda tiegħu, Joseph Desira ppreżenta dokumentazzjoni[6] dwar ħlas da parti tas-soċjeta' konvenuta għal servizz ta' attendenza ta' *warden* fi Triq il-Qaliet, Marsaskala, ħdejn il-ġnien imsemmi, fil-jum tal-20 ta' Ottubru 2014, bejn 7:30am u 1-4:30pm.

Is-soċjeta' konvenuta ressqet żewġ xhieda. Xehed l-istess **Joseph Desira** li spjega f'aktar dettall ix-xogħlijiet li s-soċjeta' konvenuta eżegwiet fiż-żmien in kwistjoni fil-ġnien li hemm magenb Triq il-Qaliet, qabel il-bajja ta' San Tumas. Huwa qal li x-xogħlijiet fil-ġnien ġew eżegwiti fis-sajf 2014, u kienu jikkonsistu fi proġett fil-ġnien innifsu. Parti minn dan il-proġett kienet tikkonsisti filli s-soċjeta' konvenuta kellha tgħaddi *pipe* irqiq minn Triq il-Qaliet, biex minnu jgħaddi *fibre optic cable* sabiex jiġi stallat servizz ta' *WiFi* fil-gnien. Ix-xhud kompla qal li, biex is-soċjeta' konvenuta setgħet wettqet dan ix-xogħol, kienet talbet permess mill-Kunsill Lokali, liema permess eżibit f'fol.55 tal-proċess jindika li ħareġ għall-jum tal-20 ta' Ottubru 2016. Desira xehed li, fil-ħin indikat fil-permess, is-soċjeta' konvenuta laħqet qattgħet it-*tarmac*, għaddiet il-*pipe* minn ġo l-istess trinka, u mbagħad reġgħet tat it-*tarmac* biex tgħatti t-trinka li kienet qattgħet. Għalkemm ammetta li ma kienx preżenti l-ħin kollu meta sar ix-xogħol, Desira iddikjara b'ċertezza li l-*warden* kien preżenti meta sar dan ix-xogħol, u dam hemmhekk għat-tul kollu tal-ħin li matulu kien awtorizzat li jsir ix-xogħol.

Desira kompla xehed li ħadd ma kellem lilu, jew lis-soċjeta' konvenuta, dwar l-allegati ħsarat fil-vettura tal-attur Scicluna, u lanqas ma kellhom komunikazzjonijiet mill-Kunsill Lokali ta' Marsaskala fir-rigward.

Desira kkonferma li r-ritratt eżibit f'fol.39 tal-proċess juri l-istadju tax-xogħol meta t-trinka kienet diġa' mirduma, u kien fadal biss it-tqaxxir tal-wiċċ tat-*tarmac* mit-triq, li mbagħad reġa' tgħatta. Qal li t-trinka kienet wiesa' erba' pulzieri, filwaqt li l-qoxra tat-*tarmac* li tneħħiet kienet għolja xi żewġ pulzieri.

---

[5] Fol. 50
[6] Fol. 55 sa 59

Desira xehed ukoll li, meta telaq minn fuq il-post fl-20 ta' Ottubru 2014 fis-2:30pm, it-triq ħallieha bit-*tarmac* komplut, kif kienet filgħodu.

Is-soċjeta' konvenuta produċiet ukoll b'xhud tagħha lil **Joseph Grech**, Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali ta' Marsaskala. Dan ix-xhud ta aktar dettalji dwar l-appalt li l-Kunsill kien ta lis-soċjeta' konvenuta fiż-żmien in kwistjoni, u li kien jinkludi xogħlijiet fil-ġnien. Spjega li fil-ġnien twaħħlu CCTV *cameras*, li l-Kunsill ried li jkollu l-faċilita' li jsegwi l-filmati tagħhom mill-bini tiegħu, u minħabba f'hekk kien hemm bżonn li jsir is-servizz tal-*internet* fil-ġnien. L-unika okkażjoni li fiha l-Kunsill ħtieġlu jibgħat *warden* fuq is-sit kien meta s-soċjeta' konvenuta kellha tqatta' t-trinka għall-wisgħa ta' Triq il-Qaliet, u dan ġara fl-20 ta' Ottubru 2014. Grech ikkonferma wkoll li l-lok muri fir-ritratti eżibiti mill-attur Scicluna huwa l-istess lok fejn saret it-trinka li xehed dwarha.

L-atturi jirritjenu li t-telf li ġarrbu, konsistenti fl-ispejjeż biex saru t-tiswijiet imsemmija fil-vettura tat-tip BMW bin-numru ta' registrazzjoni 'OLI-170', proprjeta' tal-attur Scicluna, kienu dovuti unikament għan-nuqqas tas-soċjeta' konvenuta li tassigura li l-parti ta' Triq il-Qaliet, Marsaskala, fejn kienet qed tagħmel ix-xogħlijiet, tkun indikata sewwa u b'mod preventiv, għall-attenzjoni tas-sewwieqa, u a skans ta' okkorrenzi bħal dak li jgħid li ġarrab l-attur Scicluna.

Is-soċjeta' konvenuta tiċħad li hija għamlet xi xogħol fi Triq il-Qaliet, Marsaskala, fil-5 ta' Novembru 2014. Hija tikkontesta wkoll li naqset b'xi mod fil-konfront tal-attur Scicluna, b'riżultat tax-xogħlijiet li tgħid li wettqet f'din it-triq fl-20 ta' Ottubru 2014. Tinsisti wkoll li, f'kull każ, l-allegati ħsarat ma ġewx verifikati, u mhumiex kompatibbli mat-trinka li s-soċjeta' konvenuta għaddiet minn Triq il-Qaliet, jew mat-tqaxxir tal-wiċċ tat-*tarmac* li għamlet f'din it-triq, tenut kont tal-fond minimu tat-trinka, u tal-wisa' limitat tat-*tarmac* li tqaxxar.

Rinfaccjat b'dawn iż-żewg posizzjonijiet opposti tal-partijiet, it-Tribunal iqis l-ewwelnett illi, skond il-ligi tagħna, ir-responsabbilta' ċivili f'każ ta' delitt jew kważi-delitt hija regolata bl-**art. 1031** u **1032(2)** tal-Kodiċi Ċivili:

> **1031. …** kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.
>
> **1032.** (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-famiija.
>
> (2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar.

Fil-proċediment ċivili, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegaħ (**art. 562**, Kap. 12), filwaqt li l-attur huwa mistenni jressaq l-aħjar prova li jista' jgib (**art. 559**, Kap. 12), sabiex jikkonvinċi lit-Tribunal, fuq bilanċ ta' probabilta', dwar il-veraċita' tal-fatti kif allegati minnu.

Il-prinċipji ġenerali tar-responsabbilta' ċivili għad-delitt u l-kważi-delitt fil-liġi tagħna jinsabu spjegati b'mod mill-aktar ċar, u sallum istruttiv, fis-sentenza **George Thomas Davison vs Joseph Azzopardi *nomine*** (Appell Kummerċjali, 2.3.1962, XLVI.i.477). Meta analiżżat id-disposizzjonijiet fuq ċitati dwar ir-responsabbilta' ċivili għad-delitt, dik il-Qorti fissret li, biex tirrikorri din ir-responsabbilta', l-attur irid jipprova *'tlett elementi li huma (1) il-fatt dannuż illeċitu, (2) l-imputabbilita' tal-istess fatt għal min ikun għamlu u (3) id-dannu kaġunat minn dak l-istess fatt. Dawn it-tlett elementi għandhom bilfors jikkonkorru f'delitt ċivili, jew fi kważi-delitt, li jobbligaw l-awtur tagħhom għar-riżarċiment tad-dannu kaġunat mhux biss lill-vittma tal-att illeċitu, imma anki lil kull min indirettament jirriżenti d-dannu ... hu fatt illeċitu dak kollu li wieħed ma għandux id-dritt li jagħmel u meta nġustament jilledi d-dritt ta' ħaddieħor ... Fid-delitt din il-volonta' libera tasal għall-akbar gravita', jiġifieri l-intenzjoni li ssir il-ħsara; filwaqt li fil-kważi-delitt tibbasta s-sempliċi kolpa. Inveru hu dan l-element morali, jiġifieri d-dolo fid-delitt u l-kolpa fil-kważi-delitt, li jikkostitwixxi d-differenza bejn il-wieħed u l-ieħor; iżda naturalment mhux biżżejjed li tiġi konstatata l-ħtija, imma hu meħtiġ ukoll li jiġi stabbilit li dik il-ħtija kkaġunat dannu attwali u valutabbli u pruvat b'mod ċert.'*

Dwar l-ewwel żewg elementi, it-Tribunal jidhirlu li, għalkemm is-soċjeta' konvenuta ppruvat tixħet dubju dwar id-data meta filfatt sar l-inċident, u li dan bilfors ġara fl-20 ta' Ottubru 2014 meta l-Kunsill Lokali ta' Marsaskala ħa ħsieb jistazzjona *warden* fil-lok, in

konnessjoni max-xogħol ta’ trinka tal-GO plc li kellu jsir fi Triq il-Qaliet, ma jirriżultax mir-ritratti eżibiti, u lanqas mix-xiehda tal-attur Scicluna, li kien hemm *warden* preżenti fuq il-post, meta l-wiċċ tat-*tarmac* fi Triq il-Qaliet kien imqaxxar. Is-soċjeta’ konvenuta effettivament ma ressqet ebda prova li, kien meta kien li qaxxret il-wiċċ ta’ din it-triq, filfatt poġġiet senjaletika addattata fil-post (permezz ta’ *warden* jew xort’oħra) biex tiġbed l-attenzjoni tas-sewwieqa għall-istat tat-triq.

Mill-banda ‘l oħra, wara li qies il-provi kollha mressqa quddiemu, it-Tribunal mhuwiex moralment konvint, lanqas fuq bażi ta’ bilanċ ta’ probabiltajiet[7], mill-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-attur Oliver Francis Scicluna, u dan għas-segwenti raġunijiet:

(i) Minkejja d-dikjarazzjoni tiegħu fl-affidavit ulterjuri (Dok. ‘OS1’, fol.37) dwar id-data meta jgħid li seħħ dan l-inċident, l-attur Scicluna xehed bil-ġurament quddiem it-Tribunal li d-data tal-inċident ma kienx jiftakarha, u li sa fejn kien jiftakar, dan kien seħħ bejn Ottubru 2014 u Novembru 2014;

(ii) Jidher ċar mir-ritratti eżibiti mill-attur Scicluna nnifsu li dak li huwa jsejjaħlu ‘gandott’, u li skond hu kien il-kaġun tal-ħsarat konsiderevoli li ġarrab fil-vettura tiegħu, ma kien gandott xejn, imma l-wiċċ tat-*tarmac* tat-triq imqaxxar, għall-wisa’ kollu tat-triq;

(iii) Skond l-attur innifsu, dan kollu seħħ f’nofsinhar, f’ġurnata ta’ temp tajjeb;

(iv) Fix-xiehda tiegħu, l-attur jgħid li wara li kellu l-inċident f’nofsinhar, saq mal-ġenb, waqaf jara x’kien ġara fil-vettura, mexa lejn il-ħaddiem li kien ra fuq il-post minn qabel kellu l-inċident, u kellmu, u mbagħad saq bil-mod lejn il-garaxx t’ommu fil-vicin mhux identifikat, mar jgħid lill-ġenituri tiegħu b’li kien ġara, u marru lura fuq il-post jieħdu r-ritratti. Mill-okkorrenza tal-Pulizija, jirriżulta pero’ li fis-siegħa neqsin għaxar minuti (12:50pm), cioè ħamsin (50) minuta biss wara li jgħid li kellu l-inċident, l-attur mar waħdu l-Għassa ta’ Marsaskala, li tiġi n-naħa ‘l oħra tar-raħal, biex jagħmel rapport, u lill-pulizija

[7] Ara f’dan ir-rigward ir-riassunt tal-ġurisprudenza rilevanti li tat il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fis-sentenza **Michael Fenech et vs Victoria Licari et**, per Imħ. Zammit McKeon, 22.3.2016

la ħadhom jaraw il-vettura, la wriehom ir-ritratti u lanqas ħadhom fuq il-post biex jivverifikaw;

(v) L-okkorrenza kif deskritta mill-attur baqgħet ma ġietx verifikata, la mill-pulizija u lanqas min-naħa tas-soċjeta' assikuratriċi, filwaqt li l-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-attur baqgħet mhix korroborata, minkejja li huwa stess jgħid li immedjatament wara l-inċident, huwa ħa l-karozza fuq l-erba' roti tagħha f'garaxx li l-ġenituri tiegħu għandhom fil-viċin, u tkellem ma' missieru fuq li kien ġralu, filwaqt li missieru, u possibilment anke ommu marru lura miegħu fuq il-post biex ħa r-ritratti *['meta jiena mbagħad mort għand il-mama' tiegħi kont għidt lil papa' 'Ara xi ġrali' u kien minn hemmhekk li morna lura fuq il-post fejn seħħ l-inċident biex ħadt ir-ritratti'*, ara xiehda tal-attur Oliver Scicluna, 19.11-2015, fol.11];

(vi) Is-*surveyor* inkarigat mis-soċjeta' attriċi Walter Vella ra l-vettura sitt-(6) ijiem wara li l-atturi jgħidu li ġara l-inċident, meta l-vettura kienet diġa' ġġakkjata. Minn imkien ma rriżulta kif il-vettura ttieħdet għand il-*Lourdes Service Station* fejn raha s-*surveyor*, u li ma reġgħetx intużat jew li ma sofrietx danni oħra fil-frattemp.

Oltre dan, mhix verosimili għat-Tribunal il-verzjoni tal-attur Scicluna li, waqt li kien qed isuq il-vettura tiegħu bil-mod (30 jew 35 kilometru fis-siegħa[8]), f'nofs il-ġurnata, u f'temp tajjeb, din ġarrbet l-impatt qawwi li ddeskriva s-*surveyor* Vella bl-iskoss fil-lok indikat fir-ritratti (fol.39), li ma jidhirx li kien fond aktar minn żewġ pulzieri, jew li l-iskoss seta' kien tant qawwi li nqasmulha l-erba' *tyres*, l-erba' rimmijiet, u l-*mudguard*. It-Tribunal jaqbel mal-ġudizzju tas-*surveyor* Vella li l-ħsarat riskontrati minnu meta mar jara l-vettura tal-attur Scicluna bilfors kienu dovuti għal skoss qawwi, liema skoss pero' kien ikun ġustifikabbli kieku l-vettura niżlet f'gandott, kif xehed l-attur Scicluna, u mhux sempliċement għax instaqet relattivament bil-mod minn spazju fejn il-wiċċ tat-*tarmac* kien imqaxxar, kif juru r-ritratti ppreżentati mill-istess attur.

[8] Ara xiehda tal-attur, 19.11.2015, fol.11

Fl-aħħarnett, it-Tribunal iqis li sewwieq prudenti fil-posizzjoni tal-attur Scicluna, jekk kien qed isuq il-vettura b'veloċita' baxxa, matul il-ġurnata u f'temp tajjeb, u nġibditlu l-attenzjoni għal din il-parti tat-triq għax kien hemm persuna jagħmel sinjal, kellu jinduna li f'din il-parti tat-triq kien qed isir xogħol, u li kien hemm il-wiċċ tat-*tarmac* imqaxxar. Konsegwentement, kien obbligat jieħu l-kawteli kollha meħtiega biex ma tiġrix ħsara fil-vettura li kien qed isuq.

Isegwi għalhekk li tirriżulta karenti għal kollox il-prova tan-ness kawżali bejn in-nuqqas tas-soċjeta' konvenuta li tissalvagwardja l-interessi tas-sewwieqa b'senjaletika appożita dwar ix-xogħlijiet li kienet qed twettaq, u d-danni li l-atturi jippretendu li ġew kaġunati lilhom b'riżultat tal-istess.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq mogħtija, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta, u jiċħad it-Talba attriċi. Spejjeż bla taxxa bejn il-partijiet.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.D.**
**ĠUDIKATUR**